

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-18 ta' Ġunju 2019****dwar l-abbozz tal-Pjan Nazzjonali Integrat għall-Enerġija u l-Klima tar-Renju Unit li jkopri l-perjodu 2021–2030**

(2019/C 297/28)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, kull Stat Membru huwa meħtieġ jippreżenta lill-Kummissjoni abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tiegħu li jkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 3(1) u l-Anness I ta' dak ir-Regolament. L-ewwel abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima kellhom jiġu ppreżentati sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (2) Ir-Renju Unit ippreżenta l-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tiegħu fl-20 ta' Diċembru 2018. Il-preżentazzjoni ta' dan l-abbozz tal-pjan tirrappreżenta l-bażi u l-ewwel pass tal-proċess iterattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għall-finalizzazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u l-implimentazzjoni sussegwenti tagħhom.
- (3) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni hija meħtieġa tivvaluta l-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima. Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni komprensiva tal-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tar-Renju Unit, filwaqt li qieset l-elementi rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1999. Din il-valutazzjoni⁽²⁾ hija ppubblikata flimkien ma' din ir-rakkomandazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni-jiet li ġejjin huma bbażati fuq dik il-valutazzjoni.
- (4) B'mod partikolari, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni jistgħu jindirizzaw (i) il-livell ta' ambizzjoni tal-oġettivi, tal-miri u tal-kontributi bil-ħsieb li jinkisbu b'mod kollettiv l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, il-miri tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza fl-enerġija kif ukoll il-livell tal-interkonnnettività tal-elettriku li l-Istat Membru qed jimmira li jlaħħaq sal-2030; (ii) il-politiki u l-miżuri b'rabta mal-oġettivi fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni u politiki u miżuri oħrajn ta' rilevanza transfruntiera potenzjali; (iii) kwalunkwe politiki u miżuri addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima; (iv) l-interazzjonijiet bejn il-politiki eżistenti u pplanati u l-konsistenza tagħhom u l-miżuri inklużi fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima f'dimensjoni waħda u fost dimensjonijiet differenti tal-Unjoni tal-Enerġija.
- (5) Waqt li kienet qed tiżviluppa r-rakkomandazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni qieset, minn naħa, il-ħtieġa li jin-għaddu flimkien ċerti kontributi pplanati kkwantifikati tal-Istati Membri kollha sabiex tiġi vvalutata l-ambizzjoni fil-livell tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jiġi pprovdut ħin xieraq għall-Istat Membru kkonċernat biex iqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni qabel ma jiffinalizza l-pjan nazzjonali tiegħu.
- (6) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ambizzjonijiet rinnovabbli tal-Istati Membri huma bba-żati fuq formula stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1999 li hija bbażata fuq kriterji oġġettivi.

⁽¹⁾ ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1.

⁽²⁾ SWD(2019) 279.

- (7) Fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni huma bbażati fuq il-valutazzjoni tal-livell ta' ambizzjoni nazzjonali ppreżentat fl-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima, imqabbel mal-livell kollettiv tal-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni, filwaqt li titqies l-informazzjoni pprovduta dwar iċ-ċirkustanzi nazzjonali speċifiċi, fejn ikun rilevanti. Il-kontributi nazzjonali finali fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija jenħtieġ li jirriflettu l-potenzjal kosteffettiv għall-iffrankar tal-enerġija u li jiġu appoġġati bi strateġija soda ta' rinnovazzjoni tal-bini fit-tul u miżuri għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾. Jenħtieġ li l-Istati Membri juru wkoll li jkunu qiesu kif xieraq il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", billi b'mod partikolari jispjegaw kif l-effiċjenza fl-enerġija tikkontribwixxi għall-ilħuq kosteffettiv tal-għanijiet nazzjonali ta' ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u għall-indirizzar tal-prekarjetà enerġetika.
- (8) Ir-Regolament dwar il-Governanza jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu stampa ġenerali tal-investment meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima, kif ukoll valutazzjoni ġenerali dwar is-sorsi ta' dak l-investment. Il-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima jenħtieġ li jiżguraw it-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-politiki u tal-miżuri nazzjonali sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tal-investment.
- (9) B'mod parallel, bħala parti miċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2018-2019, il-Kummissjoni ffukat ħafna fuq il-ħtiġi-jiet ta' investment tal-Istati Membri b'raba mal-enerġija u mal-klima. Dan huwa rifless fir-Rapport tal-Pajjiż tal-2019 għar-Renju Unit⁽⁴⁾ u fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill lir-Renju Unit⁽⁵⁾, bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew. Il-Kummissjoni qieset l-aktar sebjiet u rakkomandazzjonijiet reċenti tas-Semestru Ewropew fil-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni huma komplementari għall-aktar rakkomandazzjonijiet reċenti speċifiċi għal kull pajjiż maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima jqisu l-aktar rakkomandazzjonijiet reċenti speċifiċi għal kull pajjiż maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (10) Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Governanza jeħtieġ li kull Stat Membru iqis kif xieraq kull rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għall-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tiegħu li jrid jiġi ppreżentat fil-31 ta' Diċembru 2019 u, jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jindirizzax rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali tagħha, dak l-Istat Membru jenħtieġ li jipprovdi r-raġunijiet tiegħu u jippubblikahom.
- (11) Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw l-istess *data* fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u fl-aġġornamenti fis-snin sussegwenti bħalma jirrapportaw lill-Eurostat jew lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. L-użu tal-istess sors, u meta tkun disponibbli, tal-istatistika Ewropea, huwa wkoll essenzjali għall-kalkolu tal-linja bażi għall-immudellar u għall-projezzjonijiet. L-użu tal-istatistika Ewropea jippermetti komparabiltà aħjar tad-*data* u tal-projezzjonijiet użati fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima.
- (12) L-elementi kollha tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999 iridu jiġu inklużi fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima finali. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġu vvalutati l-impatti makroekonomiċi u, sa fejn ikun possibbli, l-impatti fuq is-saħħa, l-ambjent, l-impjeg u l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-impatti soċjali tal-politiki u tal-miżuri pplanati. Il-pubbliku u partijiet ikkonċernati oħra jridu jkunu involuti fit-tnejja tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima finali. Dawn l-elementi u elementi oħrajn huma deskritti fid-dettall fid-dokument ta' ħidma tal-persunal ipubblikat flimkien ma' din ir-Rakkomandazzjoni⁽⁶⁾.
- (13) Fil-pjan finali jenħtieġ li r-Renju Unit jistabilixxi rabtiet aktar ċari bejn il-politiki domestiċi u d-dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, kif ukoll iqis l-interkonnessjonijiet bejn il-politiki u l-miżuri pplanati fid-dimensjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni, tas-sigurtà tal-enerġija u tas-suq intern u fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività. Eżempji ta' dawn huma l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-impatt tal-użu tal-bijoenġerġija fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti kontabbilizzati mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija u kif it-tibdil fil-klima jista' jaffettwa l-provvista tal-enerġija.

⁽³⁾ Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

⁽⁴⁾ SWD (2019) 1027 final.

⁽⁵⁾ COM (2019) 528 final tal-5 ta' Ġunju 2019.

⁽⁶⁾ SWD(2019) 279 final.

- (14) Il-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima finali jista' jibbenefika mill-preżentazzjoni ta' analiżi komprensiva dwar fejn jinsab bħalissa s-settur tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-suq globali, filwaqt li jiġu enfazzjati l-oqsma ta' qawwiet kompetittivi u sfidi potenzjali u jiġu indikati objettivi miżurabbli għall-gejġeni u l-politiki u l-miżuri biex dawn jinkisbu, u jsiru konnessjonijiet xierqa mal-politika tal-intrapriżi u tal-industrija. Jista' jibbenefika wkoll mill-kunsiderazzjoni tar-rwol tal-ekonomija ċirkolari, filwaqt li jirreferi għall-istrateġiji nazzjonali u għall-pjanijiet ta' azzjoni u jżid il-benefiċċji u l-kompromessi potenzjali f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
- (15) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lir-Renju Unit huma appoġġati mill-valutazzjoni tal-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tar-Renju Unit li huwa ppubblikat flimkien ma' din ir-rakkomandazzjoni (7).

B'DIN TIRRAKKOMANDA LIR-RENJU UNIT JIEĦU AZZJONI BIEK:

- Jispeċifika u jikkwantifika aktar l-impatti tal-politiki u tal-miżuri addizzjonali, ukoll lil hinn mis-setturi tal-bini u tat-trasport, sabiex jilħaq il-mira tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2030 għas-setturi mhux koperti mill-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' - 37 % meta mqabbel mal-2005. Dan jinkludi l-impenn korrispondenti skont ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (8) li l-emissjonijiet tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ma jaqbżux l-assorbimenti u jirrikjedi l-applikazzjoni tar-regoli sottostanti dwar il-kontabbiltà.
- Jipproponi, bħala l-kontribut tar-Renju Unit lill-mira tal-UE għall-enerġija rinnovabbli għall-2030, sehem ta' enerġija rinnovabbli ta' mill-inqas 27 % kif indikat mill-formula fl-Anness II skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. Jinkludi trajettorja indikattiva fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima finali li tilħaq il-punti ta' referenza kollha skont l-Artikolu 4(a)(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità ma' dak is-sehem, fid-dawl tal-ħtieġa li jiżdied il-livell tal-isforzi biex din il-mira tintlaħaq b'mod kollettiv. Jipproponi politiki u miżuri ddettaljati u kkwantifikati li huma konformi mal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (9), sabiex jippermetti li dan il-kontribut jinkiseb fil-ħin u b'mod kosteffettiv. Iżid il-livell ta' ambizzjoni fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ sabiex jilħaq il-mira indikattiva inkluża fl-Artikolu 23 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, u jżid il-livell ta' ambizzjoni sabiex jilħaq il-mira tat-trasport fl-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Jipprovdi aktar dettalji dwar l-oqfsa ta' abilitazzjoni għall-awtokonsum rinnovabbli u għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.
- Jistabbilixxi kontribuzzjonijiet nazzjonali li jkunu b'mod sostanzjali aktar ambizzjużi mill-projezzjonijiet mill-immudellar ikkwotati fl-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima fid-dawl tal-ħtieġa li jiżdied il-livell tal-isforzi sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni tal-effiċjenza fl-enerġija għall-2030. Jipproponi politiki u miżuri aktar ambizzjużi li jirriżultaw f'aktar iffrankar tal-enerġija sal-2030. Jindika l-politiki u l-miżuri għall-perjodu kollu ta' bejn l-2021 u 2030. Jipprovdi valutazzjoni tal-impatt għall-politiki u għall-miżuri ppjanati fl-effiċjenza fl-enerġija, b'mod partikolari f'termini ta' ffrankar enerġetiku li huma mistennija jkollhom.
- Jispeċifika l-miżuri li jappoġġaw l-objettivi tas-sigurtà tal-enerġija dwar id-diversifikazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenza enerġetika, inkluż il-miżuri li jiżguraw il-flessibbiltà u l-provvista fit-tul tal-fjuwil nukleari, fid-dawl tal-iżvilupp possibbli tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni nukleari tiegħu.
- Jiddefinixxi objettivi u miri li jħarsu 'l quddiem fir-rigward tal-integrazzjoni tas-swieq, b'mod partikolari jiddeskrivi strateġija u skeda ta' żmien għall-progress lejn prezzijiet ibbażati bis-sħiħ fuq is-suq.
- Jikkjarifika l-objettivi nazzjonali u l-miri ta' finanzjament fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fil-kompetittività, speċifikament relatati mal-Unjoni tal-Enerġija, li jridu jinkisbu bejn l-2023 u l-2030, sabiex ikunu miżurabbli faċilment u jkunu adattati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-miri fid-dimensjonijiet l-oħra tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima. Jappoġġa t-tali objettivi b'politiki u miżuri speċifiċi u xierqa, inkluż dawk li jridu jiġu żviluppatti b'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra, bħal pereżempju l-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija.
- Jibni fuq il-qafas tal-Kooperazzjoni tal-Enerġija fl-Ibħra tat-Tramuntana fir-rigward tal-iskambju tal-prattiki tajbin għall-iskemi ta' appoġġ tal-enerġija mir-riħ fuq il-baħar u l-proġetti potenzjali, sabiex jikseb l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija ta' aktar sigurtà tal-enerġija, sostenibbiltà u kompetittività. Fid-dawl tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joh-roġ mill-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li r-Renju Unit jipprevedi miżuri sabiex jiżgura l-kooperazzjoni reġjonali kontinwa mal-Irlanda dwar it-tħejjija u r-rispons f'każi ta' emerġenza għall-elettriku, u s-sigurtà tal-provvista għall-gass u għaż-żejt.

(7) SWD(2019) 279 final.

(8) Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

(9) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

8. Itejjeb l-analiżi tiegħu tan-nefqa u s-sorsi tal-investment fid-dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż finanzjament xieraq fil-livell nazzjonali u reġjonali, li bħalissa hija pprovduta għal diversi oqsma, u jikkomplementaha bi stampa ġenerali tal-ħtiġijiet, tar-riskji u tal-ostakoli ta' investment.
9. Jelenka s-sussidji tal-enerġija kollha, inkluż b'mod partikolari għall-karburanti fossili, u l-azzjonijiet imwettqa kif ukoll il-pjanijiet biex dawn is-sussidji jibdew jiġu eliminati f'tit ftit.
10. Jippreżenta l-impatti dwar it-tniġġis tal-arja għax-xenarji varji, filwaqt li jipprovdi l-informazzjoni ta' appoġġ, u jqis is-sinerġiji u l-effetti tal-kompromess.
11. Jiddeskrivi fid-dettall l-aspetti tat-tranżizzjoni ġusta u ekwa, b'mod partikolari billi jiddeżinja l-valutazzjoni tal-prekarjetà enerġetika, jiddikjara l-oġġettivi relatati u jiddeskrivi l-impatti soċjali, l-impatti fuq l-impjieġ u fuq il-ħiliet tal-politiki, tal-miżuri u tal-oġġettivi. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lir-reġjuni intensivi fl-użu tal-faħam u tal-karbonju u kif se jiġu affettwati mit-tranżizzjoni tal-enerġija. Jinkludi valutazzjoni dedikata tal-kwistjonijiet dwar il-prekarjetà enerġetika, flimkien ma' kwalunkwe oġġettiv relatat jew politiki jew miżuri speċifiċi, kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1999.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ġunju 2019.

Għall-Kummissjoni

Miguel ARIAS CAÑETE

Membru tal-Kummissjoni
